IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.10.2011
KUMM(2011) 673 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IR-4 RAPPORT FINANZJARJU MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA
SENA FINANZJARJA 2010

{SEG(2011) 1260 finali}

WERREJ

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT 3

2. POŻIZZJONI TAL-LIKWIDITÀ U ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET .. 5

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-2010 TAL-FAEG..... 9

4. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-2010 TAL-FAEG ... 10

5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT 12

6. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA 12

ANNESS 1 PROĊEDURA BAĠITARJA GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN GĦALL-2010 TAL-FAEG

ANNESS 2 PARTI MILL-BAĠIT TAL-FAEG FIL-BAĠIT TAL-UE MILL-2004 SAL-2010

ANNESS 3 ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI BAĠITARJA TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2010

ANNESS 4-I ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI BAĠITARJA TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2010. DĦUL ASSENJAT. '4

ANNESS 4-II

ANNESS 5 ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI BAĠITARJA TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2010. DĦUL ASSENJAT. '5

ANNESS 6 EŻEKUZZJONI BAĠITARJA TAL-FAEG SKONT IL-KAPITOLU U L-ISM – SENA FINANZJARJA 2010

EVOLUZZJONI TAL-ANALIŻI TAN-NEFQA TAL-FAEG TAS-SNIN FINANZJARJI MILL-2005 SAL-2010

Nota: Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni dettaljat jakkumpanja dan ir-rapport. It-test sħiħ ta' dan id-Dokument ta' Ħidma (bl-Ingliż) u t-tabelli annessi (bl-Ingliż) se jkunu disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku Europa tad-DĠ Agrikoltura (http://ec.europa.eu/agriculture/fin/finrep_en.htm).

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT[1]

1.1. Abbozz preliminari tal-baġit tal-2010

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) għall-2010 ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità tal-Baġit fid-29.4.2009. L-approprjazzjonijiet għal impenji proposti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju tal-2007-2013 ammontaw għal total ta' EUR 43 744.9 miljun.

1.2. Abbozz tal-baġit tal-2010

Il-Kunsill adotta l-Abbozz tal-Baġit tal-2010 f'Lulju 2009. L-approprjazzjonijiet għal impenji tal-FAEG tnaqqsu b'EUR 354.9 miljun meta mqabbla mal-APB għal EUR 43 389.98 miljun.

1.3. Ittra ta' Emenda għall-2010

F'Ottubru 2009, il-Kummissjoni adottat l-Ittra ta' Emenda (IE) Nru 2 għall-APB tal-2010, li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-approprjazzjonijiet għal impenji għall-FAEG għal EUR 44 049.8 miljun, li kien ogħla b'EUR 304.9 miljun meta mqabbel mal-Abbozz Preliminari tal-Baġit. Din iż-żieda tinvolvi l-aktar ammont ta' EUR 280 miljun previst għall-appoġġ speċifiku għas-settur tal-ħalib wara l-kriżi fis-settur tal-ħalib.

1.4. Adozzjoni tal-baġit tal-2010

Il-Kunsill għamel it-tieni qari f'Novembru 2009. L-approprjazzjonijiet għal impenji tal-FAEG tnaqqsu b'EUR 231 miljun, meta mqabbla mal-livell inkluż fl-Ittra ta' Emenda, għal EUR 43 818.8 miljun[2] li issa inkluda EUR 300 miljun għall-appoġġ speċifiku għas-settur tal-ħalib kif ukoll żieda fin-nefqa negattiva relatata mal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG b'– EUR 230 miljun.

Il-Parlament Ewropew adotta l-baġit tal-2010 matul is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2009.

L-approprjazzjonijiet għal impenji vvotati tal-FAEG ammontaw għal total ta' EUR 43 819.8 miljun. F'dan it-total, l-approprjazzjonijiet għal impenji li jammontaw għal EUR 4 395.3 miljun kienu previsti għall-miżuri tas-suq taħt il-Kapitolu 05 02 filwaqt li EUR 39 273.0 miljun kienu previsti għall-għajnuniet diretti taħt il-Kapitolu 05 03. Barra minn hekk, il-baġit tal-2010 ppreveda l-approprjazzjonijiet għal impenji ta' EUR 371.9 miljun taħt il-qasam tal-politika 17-Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur, u EUR 30.5 miljun taħt il-qasam ta' politika 11-Affarijiet Marittimi u Sajd.

Għal aktar dettall, jekk jogħġbok ara l-anness 1.

---

[1] Din il-proċedura hija ppreżentata fl-anness 1.

[2] Inizjalment, l-ammont ta' EUR 300 miljun previst għall-appoġġ speċifiku għas-settur tal-ħalib kien f'riżerva.

1.5. Dħul assenjat lill-FAEG[3]

Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), id-dħul li joriġina minn korrezzjonijiet finanzjarji f'deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità, minn irregolaritajiet u mill-imposta fuq il-ħalib huma mniżżla bħala dħul assenjat għall-iffinanzjar tan-nefqa tal-FAEG. Dan id-dħul assenjat jista' jintuża, parzjalment jew kompletament, sabiex ikopri l-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG jekk l-approprjazzjonijiet tal-baġit mogħtija mill-Awtorità Baġitarja ma jkunux biżżejjed sabiex jiffinanzjaw in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri. Fil-każ fejn id-dħul kollu jew parti minnu ma jintużawx, dan jiġi awtomatikament riportat għas-sena baġitarja li jkun imiss sabiex jiffinanzja l-ħtiġijiet tal-baġit ta' dik is-sena.

Fi żmien l-istabbiliment tal-baġit tal-2010, saret stima tad-dħul kemm għall-ammont mistenni li jinġabar matul is-sena baġitarja tal-2010 kif ukoll għall-ammont li kien mistenni li jiġi riportat mis-sena baġitarja tal-2009 għall-2010. Din l-istima ġiet ikkunsidrata meta l-Awtorità Baġitarja adottat l-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2010. Speċifikament:

– Id-dħul mill-korrezzjonijiet ta' approvazzjonijiet tal-konformità u minn irregolaritajiet ġie stmat għal EUR 600.0 miljun u EUR 91.0 miljun rispettivament filwaqt li l-irċevuti mill-imposta fuq il-ħalib ġew stmati għal EUR 98.0 miljun. Għaldaqstant, l-ammont totali ta' dħul assenjat mistenni li jinġabar matul is-sena baġitarja tal-2010 kien stmat għal EUR 789.0 miljun.

– L-ammont tad-dħul assenjat mistenni li jiġi riportat mis-sena baġitarja tal-2009 għall-2010 ġie stmat għal EUR 133.0 miljun.

Ġie kkunsidrat l-ammont totali ta' EUR 922.0 miljun billi tnaqqsu l-approprjazzjonijiet mitluba għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex b'EUR 222.0 miljun u għall-iskema ta' pagament uniku b'EUR 700.0 miljun. Wara li qieset dawn l-ammonti, l-Awtorità Baġitarja eventwalment approvat l-approprjazzjonijiet li jammontaw għal EUR 547.0 miljun u EUR 28 480.0 miljun rispettivament għal dawn l-iskemi.

1.6. Ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor[4]

L-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 tal-Kunsill, huma ttrattati bħala dħul assenjat maħsub sabiex jiffinanzja l-għajnuna għar-ristrutturar taz-zokkor u għajnuniet oħra previsti fil-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor. Għal kull sena tas-suq, mill-2006/07 sal-2008/09, dawn l-ammonti kienu relatati mal-kwoti taz-zokkor, tal-ġulepp tal-inulina u tal-iżoglukożju tal-operaturi f'kull Stat Membru u għandhom jitħallsu mill-Istati Membri fil-Fond f'żewġ pagamenti, li d-dati ta' skadenza tagħhom huma l-31 ta' Marzu u t-30 ta' Novembru rispettivament għal kull sena.

---

[3] Dawn l-ammonti mhumiex imdaħħla fil-linji tad-dħul tal-baġit (l-Artikolu 670 għad-dħul assenjat lill-FAEG) iżda jissemmew fil-kummenti tal-baġit għal dan l-artikolu.

[4] Dawn l-ammonti mhumiex imdaħħla fil-linji tad-dħul tal-baġit (l-Artikolu 680 għall-ammonti temporanji għar-ristrutturar għas-settur taz-zokkor) iżda jissemmew fil-kummenti tal-baġit għal dan l-artikolu.

Fi żmien l-istabbiliment tal-baġit tal-2010, l-istima ta' dan id-dħul mistenni li jiġi ttrasferit fil-baġit tal-UE matul is-sena ammontat għal EUR 606.8 miljun. Fl-istess żmien, ammont ta' EUR 717.9 miljun kien mistenni li jiġi riportat mis-sena baġitarja tal-2009 għal dik tal-2010.

1.7. Parti mill-baġit tal-FAEG fil-baġit totali tal-UE

Il-parti finali tal-baġit (l-approprjazzjonijiet għal impenji) tal-FAEG mill-baġit totali tal-UE għall-perjodu 2004–2010 tidher fl-anness 2.

2. POŻIZZJONI TAL-LIKWIDITÀ U ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

2.1. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet

2.1.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2010:

F'EUR

Sezzjoni tan-nefqa tal-baġit (1)	Approprjazzjonijiet għal impenji	Approprjazzjonijiet ta' ħlas	**Sezzjoni ta' dħul tal-Baġit (AR)** (2)	Previżjonijiet
1. Approprjazzjonijiet inizjali għall-FAEG	43 819 801 768	43 917 807 586	1. Approvazzjoni ta' konformità	600 000 000
2. Baġits emendatorji	0	0	2. Irregolaritajiet	91 000 000
3. Subtotal tal-approprjazzjonijiet inizjali għall-FAEG li minnhom	43 819 801 768	43 917 807 586		
3a. Approprjazzjonijiet taħt ġestjoni kondiviża (eskluż TRDI UE 10) (3)	43 360 100 000	43 360 100 000	3. Levy speċjali mill-produtturi tal-ħalib	98 000 000
3b. Approprjazzjonijiet taħt ġestjoni ċentralizzata (4)	459 701 768	341 107 586	4. Ammonti ta' ristrutturar temporanju għas-settur taz-zokkor (5)	607 000 000
3c. Approprjazzjonijiet għal TRDI UE 10	0	216 600 000	**Previżjoni totali ta' AR**	**1 396 000 000**
4. Trasferiment lil / minn FAEG fis-sena	-83 529	45 666 471		
5. Approprjazzjonijiet finali għal FAEG li minnhom	**43 819 718 239**	**43 963 474 057**		
5a. Approprjazzjonijiet taħt ġestjoni kondiviża (eskluż TRDI UE 10)	43 360 100 000	43 360 100 000		
5b. Approprjazzjonijiet taħt ġestjoni ċentralizzata	459 618 239	400 024 057		
5c. Approprjazzjonijiet għal TRDI UE 10 (6)	0	203 350 000		

(1) Approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-2010 billi jiġi kkunsidrat id-dħul assenjat mistenni li se jinġabar fl-2010 u d-dħul riportat mill-2009 għall-2010 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1605/2002 tal-Kunsill.
(2) AR ("assigned revenue"): Dħul assenjat li jrid jinġabar. Mhemmx ammonti ta' dħul imdaħħla fil-linja tad-dħul (p.m.)[5], iżda l-ammont previst huwa indikat fil-kummenti tal-baġit.
(3) STŻR: Strument Temporanju tal-Iżvilupp Rurali għall-UE 10.
(4) 80% tal-approprjazzjonijiet għal impenji kkonċernaw l-ispejjeż għall-miżuri veterinarji u fitosanitarji taħt il-qasam tal-politika 17- Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur. Il-bqija jikkonċernaw ugwalment in-nefqa għall-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika taħt il-qasam tal-politika 05 –Agrikoltura u Żvilupp Rurali u għas-swieq tal-ħut taħt il-qasam tal-politika 11- Affarijiet Marittimi u Sajd.
(5) Id-dħul jintuża sabiex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-ħlas tal-għajnuniet għall-Fond ta' Ristrutturar għaz-zokkor.
(6) Matul is-sena baġitarja, l-approprjazzjonijiet ta' ħlas oriġinali ta' EUR 216.6 miljun tnaqqsu għal EUR 203.35 miljun permezz ta' trasferiment ta' baġit intern.

[5] p.m.: "*pour mémoire*".

2.1.2. Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2010:

F'EUR

	Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet għal impenji	**Eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas**
Ġestjoni kondiviża (approprjazzjonijiet mhux differenzjati):	43 932 376 108.90	43 932 376 108.90
Nefqa taħt ġestjoni ċentralizzata (1)	443 936 238.44	344 004 974.21
TRDI UE 10	0.00	199 348 292.50
Total (inkluż il-*Fond ta' Ristrutturar taz-Zokkor)*	**44 376 312 347.34**	**44 475 729 375.61**
Fond ta' Ristrutturar taz-Zokkor	330 297 466.97	330 297 466.97
Total (eskluż il-*Fond ta' Ristrutturar taz-Zokkor)*	**44 046 014 880.37**	**44 145 431 908.64**

(1) In-nefqa totali taħt ġestjoni ċentralizzata tinkludi ammont ta' EUR 4.98 miljun iffinanzjat mid-dħul assenjat

Għas-sena finanzjarja 2010, l-ammont attwali ta' approprjazzjonijiet għal impenji użati ammonta għal EUR 44 376 312 347.34 filwaqt li dak għall-approprjazzjonijiet ta' ħlas ammonta għal EUR 44 475 729 375.61.

2.1.3. Eżekuzzjoni tal-baġit – Nefqa taħt ġestjoni ċentralizzata mwettqa mill-Kummissjoni

F'EUR

Nefqa taħt ġestjoni ċentralizzata	Approprjazzjonijiet (C1) (1)	Diżimpenji	Approprjazzjonijiet ta' ħlas	Riport għall-2011 (2)
Approprjazzjonijiet (C1) (1)	459 618 239.00	-	400 024 057.00	-
Eżekuzzjoni (C1)	438 956 113.58	-	314 076 513.37	31 740 465.18
Approprjazzjonijiet ikkanċellati	20 662 125.42	-	85 947 543.63	-

(1) Jinkludu t-trasferiment lejn / barra l-FAEG: -EUR 83 529 għall-approprjazzjonijiet għal impenji u EUR 58 916 471 għall-approprjazzjonijiet ta' ħlas

(2) Riport għall-2011 għall-approprjazzjonijiet mhux differenzjati biss

L-approprjazzjonijiet għal impenji ta' EUR 459.6 miljun kienu previsti għan-nefqa taħt ġestjoni ċentralizzata fil-baġit tal-2010. Fl-2010, ingħata impenn għall-ammont ta' EUR 439 miljun. Il-bilanċ ta' dawn l-approprjazzjonijiet, EUR 20.6 miljun, ġie

kkanċellat. Madwar 80% tal-approprjazzjonijiet għal impenji jikkonċernaw in-nefqa għall-miżuri veterinarji u fitosanitarji taħt il-qasam tal-politika 17 – Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur. Il-bqija jikkonċernaw ugwalment in-nefqa għall-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika taħt il-qasam tal-politika 05 – Agrikoltura u Żvilupp Rurali u għas-swieq tal-ħut taħt il-qasam tal-politika 11 – Affarijiet Marittimi u Sajd.

Mill-2007, u b'konformità mal-Artikolu 149 tar-Regolament Finanzjarju, il-maġġoranza tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG għan-nefqa taħt ġestjoni ċentralizzata mwettqa mill-Kummissjoni huma approprjazzjonijiet differenzjati. Ir-riport awtomatiku għall-2011, li huwa relatat biss mal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati, jammonta għal EUR 31.7 miljun.

2.2. Ħlasijiet ta' kull xahar

2.2.1. Ħlasijiet ta' kull xahar lill-Istati Membri

2.1.1.1. Ħlasijiet ta' kull xahar fuq il-provvediment għan-nefqa

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni[6] fl-Artikolu 15 jistipula li "*l-Kummissjoni għandha tagħmel ħlasijiet ta' kull xahar ... għan-nefqa li ssir mill-aġenziji akkreditati tal-ħlas tal-Istati Membri matul ix-xahar ta' referenza*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-ħlasijiet ta' kull xahar għandhom isiru lil kull Stat Membru mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar ta' wara dak li fih issir in-nefqa.

Il-ħlasijiet ta' kull xahar huma rifużjoni tan-nefqa netta (wara t-tnaqqis tad-dħul) li diġà saret u jsiru disponibbli fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri[7]. Il-prenotazzjoni ta' kull xahar tan-nefqa u d-dħul hija soġġetta għal verifiki u korrezzjonijiet abbażi tad-dikjarazzjoni dettaljata [8]. Barra minn hekk, dawk il-ħlasijiet isiru finali wara l-approvazzjoni tal-kontijiet tad-deċiżjonijiet tal-kontijiet.

Ħlasijiet li saru mill-Istati Membri bejn is-16.10.2009 u l-15.10.2010 huma koperti mis-sistema għall-ħlasijiet ta' kull xahar. Il-ħlasijiet li jifdal isiru direttament mill-Kummissjoni għal numru limitat ta' miżuri.

Għas-sena finanzjarja 2010, l-ammont nett totali ta' ħlasijiet ta' kull xahar kien ta' EUR 42 315 080 082.3.

2.1.1.2. Deċiżjonijiet dwar ħlasijiet ta' kull xahar għall-2010

Għas-sena finanzjarja 2010, il-Kummissjoni adottat tnax-il deċiżjoni dwar il-ħlasijiet ta' kull xahar. Barra minn hekk, f'Diċembru 2010 ġiet adottata deċiżjoni addizzjonali għall-ħlasijiet ta' kull xahar li taġġusta lil dawk li diġà ġew approvati għan-nefqa totali debitabbli għas-sena.

---

6 ĠU L 209 of 11.8.2005, p. 1.

7 Dawn id-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar tan-nefqa jintbagħtu mill-Istati Membri permezz ta' dikjarazzjoni tal-għaxra tax-xahar N+1.

8 Id-dikjarazzjonijiet dettaljati jintbagħtu kull xahar mill-Istati Membri (skont it-tabella 104) fl-għoxrin tax-xahar N+1.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-2010 TAL-FAEG

3.1. Introduzzjoni

Is-sena agrikola 2010 kienet karatterizzata minn żieda fil-prezzijiet tal-produzzjoni agrikola, kemm fl-UE kif ukoll fis-swieq globali. Is-sitwazzjoni favorevoli fis-swieq agrikoli ġiet appoġġjata ulterjorment mis-sitwazzjoni ekonomika ġenerali hekk kif il-pajjiżi bdew joħorġu mill-akbar riċessjoni f'dawn l-aħħar deċennji. Il-livell tan-nefqa tal-FAEG u l-użu tal-approprjazzjonijiet għal impenji disponibbli għall-miżuri tas-suq, miżmum kważi fil-livell tiegħu tal-2009, kien influwenzat l-aktar mill-ħtiġijiet miżjuda sabiex jiġi kopert l-intervent għaċ-ċereali, il-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u permezz tal-ħlas tal-għajnuna għall-miżura meħuda mill-Kummissjoni fis-settur tal-ħalib fl-2009. Fir-rigward tal-ħlasijiet diretti, il-livell tan-nefqa tal-FAEG kien ogħla meta mqabbel ma' dak tal-2009 minħabba l-introduzzjoni progressiva ta' dawn il-ħlasijiet lill-UE-12 li baqgħet għaddejja fl-2010.

3.2. L-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG

L-implimentazzjoni tal-baġit ammontat għal EUR 44 046.0 miljun. Din in-nefqa ġiet iffinanzjata mill-approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit, billi jintuża l-ammont sħiħ tad-dħul assenjat, ta' EUR 141.7 miljun, riportat mill-2009 u parti mid-dħul assenjat miġbur fl-2010 li jammonta għal EUR 105.4 miljun, minn total ta' EUR 1 010.5 miljun.

Fi ħdan il-qasam tal-politika 05-Agrikoltura u Żvilupp Rurali, in-nefqa għall-miżuri tas-suq ammontaw għal EUR 3 983.8 miljun waqt li dawk għall-għajnuniet diretti ammontaw għal EUR 39 675.7 miljun. In-nefqa mġarrba għall-għajnuniet diretti taqbeż l-approprjazzjonijiet votati tal-baġit u kienet parzjalment koperta mit-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet minn elementi oħra tal-baġit u parzjalment mid-dħul li kien assenjat lill-baġit tal-FAEG.

Barra minn hekk, l-ammont tal-implimentazzjoni totali msemmi qabel jinkludi nefqa ta' EUR 30.4 miljun għall-miżuri tas-suq tal-ħut kif ukoll nefqa li tammonta għal EUR 359.9 miljun[9] għall-miżuri veterinarji u fitosanitarji .

Għal aktar dettall tal-implimentazzjoni tal-baġit skont il-qasam tal-politika, jekk jogħġbok ara l-Anness 3.

L-Anness 5 jippreżenta rendikont tan-nefqa fuq il-miżuri tas-suq, il-ħlasijiet diretti u awditu tan-nefqa agrikola skont l-artikolu u skont l-Istat Membru.

[9] Dan l-ammont jinkludi ħlasijiet ta' EUR 4.8 miljun li saru għall-qasam tal-politika 17 kemm fuq il-bażi tad-dħul assenjat riportat mill-2009 għall-2010 kif ukoll tad-dħul assenjat li reġa' nġabar fl-2010.

4. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-2010 TAL-FAEG

Kummentarju qasir dwar l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-agrikoltura huwa ppreżentat iktar ’il quddiem ibbażat fuq id-dettalji li jidhru fl-Anness 3.

4.1. Kapitolu 05 02: Interventi fis-swieq agrikoli

4.1.1. Introduzzjoni

Il-pagamenti totali għal dan il-qasam tal-baġit ammontaw għal EUR 3 983.8 miljun u ġew iffinanzjati mill-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit li jammontaw għal EUR 4 395.3 miljun. Għaldaqstant, l-approprjazzjonijiet li saru disponibbli ġew trasferiti għal elementi oħra tal-baġit sabiex ikopru n-nefqa addizzjonali meħtieġa għall-iskema ta’ pagament uniku u għall-approvazzjoni tal-kontijiet tal-kontijiet tal-FAEG. Rigward id-dħul assenjat, EUR 1.9 miljun intuża sabiex ikopri n-nefqa mġarrba fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u l-bilanċ disponibbli ġie riportat għall-2011.

4.1.2. Ċereali

Wara l-ħsad sinifikanti u t-tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet taċ-ċereali, l-implimentazzjoni żejda tas-settur kienet primarjament dovuta għall-fatt li l-istokks ta’ intervent żdiedu minn madwar 1.56 miljun tunnellata fil-bidu tas-sena għal madwar 5.56 miljun tunnellata, l-aktar minħabba x-xiri tax-xgħir, sa tmiem is-sena.

4.1.3. Rifużjoni għall-prodotti li mhumiex tal-Anness I

L-Istati Membri ġarrbu spiża iżgħar minn dik prevista għall-ħlas tar-rifużjonijiet għall-prodotti tal-ħalib inkorporati mal-prodotti agrikoli pproċessati esportati hekk kif il-Kummissjoni fasslet ir-rata tar-rifużjoni għal 0 f’Novembru 2009 wara titjib notevoli fis-suq tal-ħalib.

4.1.4. Programmi tal-ikel

L-implimentazzjoni kemmxejn nieqsa tas-settur kienet primarjament dovuta għall-fatt li ċerti Stati Membri ma implimentawx bis-sħiħ il-pjan ta’ distribuzzjoni tal-2010 għaċ-ċereali u t-trab tal-ħalib xkumat u għall-fatt li ġew iddikjarati spejjeż amministrattivi, tat-trasferiment u t-trasport iżgħar minn dak li kien previst għall-operazzjonijiet ta’ distribuzzjoni tal-2010. Dawn l-ispejjeż huma mistennija jiġu ddikjarati fl-2011.

4.1.5. Frott u ħxejjex

L-implimentazzjoni żejda tas-settur kienet primarjament dovuta għall-ħlasijiet ogħla mġarrba mill-Istati Membri għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-għajnuna għall-gruppi ta’ produtturi għar-rikonoxximent preliminari meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit. Dawn il-ħlasijiet ogħla ġew koperti minn trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet minn elementi oħra tal-baġit u mid-dħul li kien ġie assenjat għal dan is-settur.

4.1.6. Prodotti tas-settur tal-vinikultura

Il-miżuri primarji ffinanzjati f'dan is-settur huma l-programmi nazjonali ta' appoġġ u l-iskema tal-qlugħ tad-dwieli. L-Istati Membri ġarrbu spiża iżgħar għall-programmi nazzjonali ta' appoġġ tagħhom meta mqabbla mal-ammonti previsti għal dawn il-programmi, li madanakollu ġew implimentati b'mod sodisfaċenti b'madwar 99% tal-approprjazzjonijiet previsti. Ġarrbu wkoll spiża iżgħar għall-għajnuniet imħallsa għall-iskema tal-qlugħ tad-dwieli meta mqabbla mal-ammont previst fil-baġit.

4.1.7. Ħalib u prodotti tal-ħalib

L-approprjazzjonijiet tas-settur ġew ibbażati fuq il-ħtiġijiet mistennija li ħarġu mis-sitwazzjoni diffiċili tas-suq tal-ħalib fl-2009. Eventwalment, minkejja pagamenti ogħla li tħallsu lis-settur fl-2010, l-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit kienu implimentati bin-nieqes primarjament minħabba t-titjib notevoli fil-kundizzjonijiet tas-suq tal-ħalib tard fl-2009 li wassal sabiex il-Kummissjoni tiffissa r-rata ta' rifużjoni tal-esportazzjonijiet għall-prodotti tal-ħalib għal żero f'Novembru 2009 u waqqfet l-influss ta' trab tal-ħalib xkumat u l-butir fil-ħażna pubblika. Għaldaqstant, l-Istati Membri ġarrbu ħlasijiet iżgħar għar-rifużjonijiet tal-esportazzjonijiet filwaqt li t-tneħħijiet mill-ħażna pubblika kemm tal-butir kif ukoll tat-trab tal-ħalib xkumat irriżultaw fi qligħ globali nett mill-ħażna pubblika ta' dawn il-prodotti.

4.2. Kapitolu 05 03: Għajnuniet Diretti

L-approprjazzjonijiet ivvutati għal dan il-kapitolu tal-baġit tal-2010 ammontaw għal EUR 39 273.0 miljun filwaqt li l-ħlasijiet ammontaw għal madwar EUR 39 675.7 miljun. Din l-implimentazzjoni apparentement żejda kienet primarjament attribwibbli għall-iskema ta' pagament uniku li l-approprjazzjonijiet tagħha kienu tnaqqsu sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni d-dħul assenjat u kienet parzjalment koperta mid-dħul li kien assenjat għal din l-iskema fil-baġit tal-2010 u parzjalment mit-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet minn elementi oħra tal-baġit.

4.3. Kapitolu 05 07: Awditjar tan-nefqa agrikola

4.3.1. Artikolu 05 07 01: Kontroll tan-nefqa agrikola

B'mod partikolari, dan l-artikolu jinkludi l-ammonti kkreditati għall-baġit tal-FAEG permezz ta' korrezzjonijiet mill-approvazzjoni tal-kontijiet tal-kontijiet u min-nuqqas ta' rispett tad-dati ta' skadenza għall-ħlasijiet lill-benefiċjarji. L-ammont totali finali ta' dawn il-korrezzjonijiet ammonta għal - EUR 54.2 miljun. L-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2010 adottati mill-Awtorità tal-Baġit ammontaw għal – EUR 310 miljun għal dawn il-korrezzjonijiet. Il-Kummissjoni għalqet dan il-kont billi ttrasferiet l-approprjazzjonijiet ivvutati li jammontaw għal EUR 256 miljun li baqgħu disponibbli fil-parti tal-baġit tal-interventi tas-suq.

5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT

5.1. Dħul assenjat lill-FAEG

Id-dħul assenjat effettivament riportat mill-2009 għall-2010 ammonta għal EUR 141.7 miljun u ntuża kompletament għall-iffinanzjar tan-nefqa tas-sena baġitarja 2010 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju. Dan l-ammont kopra nefqa ta' EUR 0.7 miljun għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, ta' EUR 140.7 miljun għall-iskema ta' pagament uniku, ta' EUR 0.1 miljun għall-approvazzjoni tal-kontijiet tas-sena preċedenti, u ta' EUR 0.2 miljun għall-istħarriġ fuq l-istruttura tal-impriżi agrikoli.

Id-dħul assenjat miġbur fl-2010 ammonta għal EUR 1 010.5 miljun. Parti mid-dħul assenjat miġbur fl-2010 li jammonta għal EUR 105.4 miljun intużat sabiex tiġi koperta n-nefqa mġarrba matul is-sena għas-settur tal-frott u l-ħxejjex u għall-iskema ta' pagament uniku. Il-bilanċ li jammonta għal EUR 905.1 miljun ġie riportat awtomatikament għall-baġit tal-2011 sabiex jiffinanzja l-ħtiġijiet tal-baġit ta' dik is-sena.

Għal aktar dettall, jekk jogħġbok ara l-annessi 4-I u 4-II.

5.2. Dħul assenjat li jikkonċerna l-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor

L-ammont totali ta' dħul assenjat imħallas mill-Istati Membri fl-2010 kien ta' EUR 606.8 miljun, daqs l-ammont inizjalment stmat. Barra minn hekk, id-dħul assenjat riportat mill-2009 għall-2010 ammonta għal EUR 768.3 miljun. Għaldaqstant, l-ammont totali ta' dħul assenjat disponibbli għall-baġit tal-UE fl-2010 f'forma ta' ammonti temporanji għar-ristrutturar sar EUR 1 375.1 miljun. Wara l-ħlasijiet għall-għajnuna li saru lill-benefiċjarji tal-fond ta' ristrutturar għaz-zokkor, l-ammonti temporanji tar-ristrutturar jippreżentaw bilanċ ta' EUR 1 044.8 miljun li ġie riportat għall-2011.

Għal aktar dettall, jekk jogħġbok ara l-annessi 4-I u 4-II.

5.3. Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor

Matul is-sena baġitarja 2010, l-Istati Membri taw ħlasijiet netti totali għall-għajnuniet għall-industrija taz-zokkor ristrutturata, għall-għajnuniet ta' diversifikazzjoni kif ukoll għall-għajnuniet għar-raffinar taz-zokkor li ammontaw għal madwar EUR 330.3 miljun. Dawn l-għajnuniet tħallsu mid-dħul imsemmi aktar 'il fuq li oriġina mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor u speċifikament mid-dħul assenjat riportat mill-2009 għall-2010.

Għal aktar dettall, jekk jogħġbok ara l-Anness 3.

6. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA

In-nefqa totali tal-FAEG tammonta għal EUR 44 046 miljun (għajr il-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor). Iktar 'il quddiem, din in-nefqa hija ppreżentata maqsuma

u analizzata fl-aktar kategoriji sinifikanti flimkien mal-perċentwali li dawn jirrappreżentaw fin-nefqa totali tal-FAEG għall-2010:

Ħażna

In-nefqa għall-ħażna ammontat għal EUR 93.6 miljun, jiġifieri: 0.21% tat-total. Il-prodotti ewlenin ikkonċernati kienu ċ-ċereali, l-inbid, iż-żejt taż-żebbuġa u l-ġobon.

Rifużjoni tal-esportazzjoni

In-nefqa fuq ir-rifużjoni ammontat għal EUR 385.1 miljun, jiġifieri: 0.87% tat-total u kienet relatata l-aktar mal-prodotti tal-ħalib, mal-laħam tal-majjal, mal-prodotti li mhumiex tal-anness I u l-laħam taċ-ċanga.

Miżuri oħra tas-suq

Minbarra l-ħażna u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni, in-nefqa għal miżuri oħra tas-suq ammontat għal EUR 3 454.8 miljun, jiġifieri: 7.84% tat-total tas-sena. Din il-kategorija tkopri n-nefqa li hija relatata l-aktar maċ-ċereali, mal-programmi tal-ikel, mal-frott u l-ħxejjex, mal-inbid, mal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u mas-swieq tal-laħam taċ-ċanga, tal-vitella u tal-majjal. Din in-nefqa tkopri ammonti minuri oħrajn u tinkludi l-korrezzjonijiet li ġejjin mill-awditjar tan-nefqa agrikola.

Ħlasijiet diretti

In-nefqa għall-ħlasijiet diretti ammontat għal EUR 39 675.7 miljun, jiġifieri: 90.1% tat-total.

Nefqa diretta taħt ġestjoni ċentralizzata

Din in-nefqa tammonta għal EUR 443.9 miljun, jiġifieri: 1.01% tħallset direttament mill-Kummissjoni u prinċipalment kopriet in-nefqa relatata mal-miżuri veterinarji u fitosanitarji kif ukoll mal-kontabilità tal-impriżi agrikoli u mal-istħarriġ agrikolu.

Żvilupp rurali

L-ebda approprjazzjoni għal impenji ma kienet prevista fil-baġit tal-2010 għat-Taqsima tal-Garanzija ta' dak li qabel kien il-FAEGG[10]. Fl-istess ħin, l-Istati Membri ddikkjaraw l-irkupri ta' ammonti li kienu tħallsu qabel jammontaw għal EUR 7.1 miljun.

L-evoluzzjoni ta' din l-analiżi skont it-tip ta' nefqa għall-perjodu 2005-2010 hija ppreżentata fl-Anness 6.

[10] L-iżvilupp rurali ffinanzjat minn dak li qabel kien il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija-Taqsima tal-Garanzija (FAEGG) – Perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

ANNESS 1

Proċedura baġitarja tal-FAEG għall-2010

f'miljuni ta' EUR

Titlu	Kapitolu	Artikolu	Intestatura	PDB ***		DB**** L-Ewwel qari tal-Kunsill		DB PE***** L-ewwel qari		Ittra ta' Emenda		Tieni Qari tal-Kunsill		BAĠIT	
				CA*	PA**	CA*	PA**	CA*	PA**	CA*	PA**	CA*	PA**	CA*	PA**
05	**01**		**NEFQA FUQ IL-ĠESTJONI U L-APPOĠĠ TAL-QASAM POLITIKU AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI**	**9,02**	**9,02**	**8,02**	**8,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**
05	01	04	Nefqa fuq l-appoġġ operazzjonijiet tal-qasam Politiku Agrikoltura (1)	9,02	9,02	8,02	8,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02
05	**02**		**INTERVENTI FI SWIEQ AGRIKOLI**	**4.041,91**	**4.042,63**	**3.923,14**	**3.923,86**	**4.386,91**	**4.387,63**	**4.395,31**	**4.396,03**	**4.395,31**	**4.396,03**	**4.395,31**	**4.396,03**
05	02	01	Ċereali	86,10	86,10	81,09	81,09	86,10	86,10	115,10	115,10	115,10	115,10	115,10	115,10
05	02	02	Ross	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
05	02	03	Rifużjonijiet ta' prodotti mhux tal-Anness 1	93,00	93,00	83,00	83,00	93,00	93,00	114,00	114,00	114,00	114,00	114,00	114,00
05	02	04	Programmi tal-ikel	500,10	500,10	500,10	500,10	515,10	515,10	500,10	500,10	500,10	500,10	500,10	500,10
05	02	05	Zokkor	10,50	10,50	10,49	10,49	10,50	10,50	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50
05	02	06	Żejt taż-żebbuġa	48,50	48,50	48,49	48,49	48,50	48,50	57,50	57,50	57,50	57,50	57,50	57,50
05	02	07	Pjanti tat-tessut	29,00	29,00	28,00	28,00	29,00	29,00	30,00	30,00	30,00	30,00	30,00	30,00
05	02	08	Frott u ħaxix (2)	720,10	720,10	686,09	686,09	735,10	735,10	720,10	720,10	720,10	720,10	720,10	720,10
05	02	09	Prodotti tas-settur tat-tkabbir tad-dwieli	1.335,00	1.335,00	1.276,01	1.276,01	1.335,00	1.335,00	1.338,30	1.338,30	1.338,30	1.338,30	1.338,30	1.338,30
05	02	10	Promozzjoni	57,21	57,93	51,21	51,93	57,21	57,93	57,21	57,93	57,21	57,93	57,21	57,93
05	02	11	Prodotti/miżuri tal-pjanti oħrajn	372,20	372,20	372,20	372,20	372,20	372,20	356,20	356,20	356,20	356,20	356,20	356,20
05	02	12	Ħalib u prodotti tal-ħalib	619,00	619,00	619,00	619,00	934,00	934,00	943,10	943,10	943,10	943,10	943,10	943,10
05	02	13	Ċanga u vitella	35,10	35,10	33,10	33,10	35,10	35,10	26,10	26,10	26,10	26,10	26,10	26,10
05	02	14	Laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
05	02	15	Majjal, bajd u tjur, prodotti tan-naħal u ta' annimali oħrajn	136,10	136,10	134,35	134,35	136,10	136,10	136,10	136,10	136,10	136,10	136,10	136,10
05	**03**		**GHAJNUNIET DIRETTI**	**39.325,50**	**39.325,50**	**39.325,50**	**39.325,50**	**39.325,50**	**39.325,50**	**39.273,00**	**39.273,00**	**39.273,00**	**39.273,00**	**39.273,00**	**39.273,00**
05	03	01	Ġħajnunuet diretti diżakkoppjati (3)	33.374,00	33.374,00	33.374,00	33.374,00	33.374,00	33.374,00	33.272,00	33.272,00	33.272,00	33.272,00	33.272,00	33.272,00
